Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2016/C 415/05)

Skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1], in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea [2] qed jiġu emendati kif ġej:

Fil-paġna 379

Jiddaħħal it-test li ġej:

"**9405 50 00 Bozoz u tagħmir (fittings) tad-dawl mhux tal-elettriku**

Ara wkoll in-Nota ta' Spjega SA għat-titlu 9405, il-partijiet (I) (5) u (I)(6).

Dan is-subtitlu jinkludi l-fanali ta' kwalunkwe materjal (ħlief dawk il-materjali msemmija fin-Nota 1 tal-Kapitolu 71) kemm jekk dawn ikollhom muntaġġ jew tagħmir speċifiku għaż-żamma ta' xemgħa jew ta' xemgħa żgħira tat-tip tea light, kemm jekk le. Dawn is-soltu jkollhom toqob għall-ventilazzjoni fin-naħa ta' fuq u 'fetħa' li fiha tista' titqiegħed ix-xemgħa.

Dan is-subtitlu jinkludi wkoll kandelabri (ara l-figuri 1 u 2), gandlieri (ara l-figuri 3 u 4) u gandlieri tal-ħajt (ara l-figura 5), inklużi l-kandelabri, il-gandlieri u l-gandlieri tal-ħajt għax-xemgħat żgħar tat-tip tea-light. Madankollu, l-ħekk imsejħa 'ħowlders għax-xemgħat żgħar tat-tip tea light', magħmula minn diversi materjali (ħġieġ, ċeramika, injam, plastik, eċċ.), fil-forma ta' kontenituri ta' diversi għamliet, mingħajr ebda muntaġġ jew tagħmir speċifiku biex fihom toqgħod xemgħa jew xemgħa żgħira tat-tip tea light f'pożizzjoni fissa, huma esklużi minn dan is-subtitlu u jridu jiġu kklassifikati skont il-materjal kostitwenti tagħhom (ara l-figuri 6 sa 12). Il-fatt li xemgħa jew xemgħa żgħira tat-tip tea light tista' titqiegħed issikkata f'daħla tal-kontenitur mhuwiex biżżejjed biex dan jiġi kklassifikat taħt dan is-subtitlu (ara wkoll ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 141/2002 (*) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 774/2011 (**)).

Eżempji ta' prodotti tas-subtitlu 9405 50 00:

Figura 1




Figura 2



Figura 3



Figura 4



[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

[2] ĠU C 76, 4.3.2015, p. 1.

Figura 5



Eżempju ta' prodotti li jridu jiġu kklassifikati skont il-materjal kostitwenti tagħhom:

Figura 6



Figura 7



Figura 8



Figura 9




Figura 10



Figura 11



Figura 12



(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 141/2002 tal-25 ta' Jannar 2002 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 24, 26.1.2002, p. 11).

(**) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 774/2011 tat-2 ta' Awwissu 2011 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 201, 4.8.2011, p. 6)."